MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru 953/2009

**Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Robert Frendo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Robert Frendo ta' 28 sena, bin Domenic u Maria nee' Catania, imwieled nhar il-25 ta' Awwissu 1980 gewwa l-Pieta', residenti 360, Triq il-Kbira, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 396480(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer u cioe nhar il-21 ta' Gunju 2009 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija gewwa l-Mosta huwa volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAG114 ta' ghamla Audi, liema

hsara teccedi s-somma ta’ 1164.47 Euros u saret ghad-detriment ta’ Daniel Calleja u jew persuni ohra.
Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew qabad armi ohra kontra n-nies u cioe kontra Daniel Calleja.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Daniel Calleja ingurji jew hedded bil-fomm, jew jekk kien ipprovokat, ingurja lil istess Daniel Calleja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

F’kaz ta’ htija din l-Onorabbli Qorti qeghda tigi gentilment mitluba biex jekk tara li huwa hekk opportun, hija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta’ htija din l-Onorabbli Qorti qedgha wkoll tigi gentilment mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittma u l-familja tieghu billi tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta’ Settembru 2009 (esebit *a folio* 9 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2009 l-imputat ddikjara  li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.
Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-16 ta’ Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni

fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa wera x-xewqa li jhallas lura lill-vittma tal-hsara kagunata u jidrilha li jkun opportun li jigu applikati l-provvedimenti tal-Artikoli 28A u H fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b), 338(dd), 339(1)(b) u (e) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ sentejn (2) millum.

Tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Daniel Calleja s-somma ta’ sitt mija u tnejn u sebghin Ewro u sittin Ewro centezmu (€672.60).

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt Ewro (€500.00) milli jimmolesta jew jivvessa lil Daniel Calleja u lil familja tieghu.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------